KAP. I

# IMPORTANZA U DINJITA' TAĊ-ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA

1. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, bħala azzjoni ta' Kristu u tal-poplu ta' Alla mqassam f'ordni ġerarkiku, hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija kollha għall-Knisja sew universali sew lokali, u għal kull wieħed u waħda mill-fidili.[1] Il-ħidma li biha Alla jqaddes id-dinja permezz ta' Kristu u l-qima ta' adorazzjoni li l-bnedmin jagħtu lill-Missier permezz ta' Ibnu, jilħqu l-quċċata tagħhom fil-Quddiesa.[2] Fiha aħna nfakkru l-misteri tal-fidwa tagħna tul is-sena, b'mod li qisna narawhom għaddejjin quddiem għajnejna.[3] Iċ-ċelebrazzjonijiet l-mqaddsa l-oħra, kif ukoll l-egħmejjel kollha tal-ħajja nisranija, għandhom rabta sħiħa mal-Quddiesa, li hi l-bidu u t-tmiem tagħhom.[4]

2. Għalhekk jinħtieġ tassew li ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, jew l-Ikla tal-Mulej, issir b'mod li kull wieħed mill-ministri u l-fidili jieħdu sehem fiha skond il-kondizzjonijiet tiegħu, ħalli b'dan is-sehem ilkoll jiksbu kemm jistgħu dak il-frott[5] li minħabba fih il-Mulej waqqaf is-Sagrifiċċju ewkaristiku ta' Ġismu u Demmu u ħallieh lill-Knisja, il-Għarusa għażiża tiegħu, bħala t-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu.[6]

3. Biex dan l-iskop jintlaħaq sewwa, wieħed għandu l-ewwelnett iqis in-natura u ċ-ċirkustanzi l-oħra ta' kull ġemgħa, u mbagħad iqassam iċ-ċelebrazzjoni b'mod li l-fidili jseħħilhom jieħdu fiha sehem ħaj, attiv u sħiħ, sew bl-imġiba tagħhom minn barra u sew spiritwalment minn ġewwa. Għax il-Knisja tixtieq, u l-istess ċelebrazzjoni minnha nfisha titlob, li fil-Quddiesa l-fidili kollha jieħdu sehem imħeġġeġ mill-fidi, mit-tama u mill-imħabba, kif hu jedd u dmir tal-poplu nisrani bis-saħħa tal-magħmudija.[7]

4. Jiġri xi drabi li fil-Quddiesa ma jkunx hemm il-preżenza tal-fidili u s-sehem attiv tagħhom li juru aħjar in-natura ekkleżjali taċ-ċelebrazzjoni;[8] għad li dan, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tibqa' dejjem sħiħa fil-qawwa u l-kobor tagħha kollu, għax hija azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja,[9] u kull ma s-saċerdot jagħmel fiha jagħmlu dejjem għas-salvazzjoni tal-poplu.

5. Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, bħal-Liturġija kollha, issir permezz ta' sinjali sensibbli, li bihom inħeġġu u nqawwu u nfissru l-fidi tagħna;[10] għalhekk iċ-ċelebrant joqgħod attent ħafna biex, fil-formoli u l-elementi li l-Knisja toffri, jagħżel dawk li jaqblu l-aħjar maċ-ċirkustanzi tal-post u tal-persuni u jqassamhom tajjeb, hekk li l-fidili jitħeġġu fis-sehem attiv u sħiħ tagħhom u jiksbu miċ-ċelebrazzjoni l-ġid kollu li jistgħu.

6. Il-ħsieb ta' dan l-Ordni hu li jagħti ħjiel ġenerali ta' tqassim tajjeb fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, kif ukoll li jfisser ir-regoli mogħtija għal kull għamla ta' ċelebrazzjoni. Il-Konferenzi Episkopali mbagħad, bis-saħħa tal-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija mqaddsa, għall-postijiet tagħhom jistgħu jiddeterminaw regolamenti oħra li jaqblu mat-tradizzjonijiet u l-karattru tal-popli, tal-pajjiżi u tal-komunitajiet diversi tagħhom.[11]